- *debilita` permanenti fuq il-post tax-xogħol*
- *obbligu tl-employer li jkollu sistema sikura*
- *culpa in eligendo limitata mill-ġurisprudenza*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 30 ta' Jannar 2020**

**Rikors Nru. 1245/10 GM**

**Francis (ID 141369 M) u Alexandra (ID 184069 M) konjuġi Bellizzi**

**vs**

**Polidano Group Limited (C- 8885) u b'digriet tat-22 ta' Frar 2011 isem is-soċjeta' konvenuta ġie mibdul għal Polidano Brothers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi ppreżentat fl-1 ta' Diċembru 2010, li permezz tieghu l-atturi wara li ppremettew illi:

1. Fit- 3 ta' April 2007 seħħ inċident fis-sit 33, Triq iż- Żinżel, Ħal- Qormi meta l- esponent Francis Bellizzi, impjegat tas- soċjetà intimata, kien qed jagħmel xogħol fuq inkarigu tal- istess soċjetà.
2. Bħala konsegwenza ta' dan l- inċident, l-esponent Francis Bellizzi ġarrab ġrieħi gravi u debilitanti fil-persuna tiegħu (Dok. A u Dok. B), u għaldaqstant sofra danni, kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans, kif ser jirriżulta aħjar waqt it- trattazzjoni tal- kawża.
3. Għall-inċident u konsegwenzjali danni kienet taħti unikament is- soċjetà intimata għaliex, għad li b' effett tal- Art. 9 tal- Kap. 452 tal- liġijiet ta' Malta, id- disposiżżjonijiet tal- Kap. 424 tal- liġijiet ta' Malta u tar-regolamenti vigenti bis- saħħa tal- istess Kap. 424 jagħmlu parti mill-kondizzjonijiet tal- impieg tal- esponent Francis Bellizzi, is- soċjetà intimata, fil- vesti tagħha ta' employer tal- esponent naqset milli tiżguraw is- saħħa u s- sigurtà tiegħu waqt il- qadi ta' dmirijietu, bi ksur tal- Art. 6 tal- Kap 424 u tad- disposizzjonijiet tal- avviż legali 36 tal- 2003. Għaldaqstant, is- soċjetà l- intimata tris tagħmel tajjeb għad- danni versu l-esponenti.
4. Għall- inċident u konsegwenzjali danni kienet taħti ukoll is- soċjetà intimata minħabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti a tenur tal- Art. 1031 u Art. 1032 (1) tal- Kap. 16 tal- liġijiet ta' Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara lis- soċjetà intimata unikament responsabbli għall- inċident fuq deskritt u għad- danni kollha li bħala konsegwenza tal- istess ġarrbu r-rikorrenti.
ii. Tillikwida d- danni kollha tar- rikorrenti occorrendo bl- opra ta' periti nominandi.

iii. Tikkundanna lis- soċjetà intimata sabiex tħallas lir- rikorrenti dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilhom in linea ta' danni;

Bl-ispejjes, kompriżi dawk tal- ittra interpellatorja tal- 15 ta' Jannar 2008, dawk tal- ittra uffiċjali ta- 27 ta' Jannar 2009, u bl- imgħax legali kontra s- soċjetà konvenuta;

Rat ir-Risposta Maħlufa imressqa mill-konvenut fil-11 ta' Jannar 2011, fejn eċepixxa illi:

1. Polidano Group Ltd ma hiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il- proċeduri stante li qatt ma kellha l-ebda relazzjoni la kontrattwali u l-anqas ta' xi xorta oħra mar-rikorrent u għaldaqstant għandha tinħeles mill-ġudizzju.

2. M'għandhiex tort għall-inċident in kwistjoni u m'hijiex responsabbli għall-istess inċident u l-konsegwenzjali danni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm;

Ikkunsidrat:

***Riżultanzi***

1. L-attur kien impjegat bħala *stone mason* mas-soċjeta konvenuta.
2. Fit-3 t'April 2007 ġarrab ġrieħi gravi waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' demolizzjoni fis-sit 33, Triq iż-Żinżel, Ħal Qormi li wieħed mis-sidien tiegħu kien ċertu Kevin Pace.
3. Huwa bniedem tas-sengħa u meta seħħ l-inċident kellu esperjenza twila fl-industrija tal-kostruzzjoni u kien kapaċi jaħdem mingħajr istruzzjonijiet. Fuq l-isemmi lant tax-xogħol kien qiegħed jaħdem flimkien ma' ċertu

Saviour Cremona, ukoll bniedem tas-sengħa, mal-foreman Charles Mangion, u żewġ impjegati oħrajn.

4. Paul Polidano, direttur tal-kumpannija konvenuta, kera magna mingħand Ballut Blocks Limited biex taqta' s-soqfa tal-post li kien qiegħed jiġi demolit, imħaddma minn ċertu Elvin Galea, impjegat tal-Ballut. L-attur u sħabu kienu l-ewwel ineħħu l-knatan u t-torba, jarmaw il-puntali taħt is-soqfa biex iservu t'appoġġ, jagħmlu erba' toqob fis-saqaf, imbagħad Elvin Galea ifellel is-saqaf billi jaqta' l-parti tas-saqaf b'mod li jgħaqqad l-erba' toqbiet. L-attur u sħabu kienu jorbtu l-parti l-maqtugħa li mbagħad titneħħa bil-krejn. Imbagħad il-proċess jiġi ripetut biex titneħħa parti oħra tas-saqaf. Neħħew is-saqaf tal-kamra ta' barra u għamlu l-puntali taħt parti oħra tal-bejt fejn kien hemm kuridur b'taraġ. Għamlu l-puntali taħt parti mill-kuridur eskluża l-parti fejn kien hemm it-taraġ peress li f'dik il-parti ma kienx fattibbli li jpoġġu l-armar. Fil-parti tal-kuridur m'għamlu l-ebda toqob għaliex Elvin Galea ma talabhomx jagħmluh. Fl-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar, egħluq il-ħin tax-xogħol tagħhom, għalkemm kien għadu għaddej ix-xogħol, l-attur u Saviour Cremona telqu minn fuq il-lant tax-xogħol għaliex ma ridux jaħdmu overtajm.

5. Elvin Galea ma riedx jaqta' l-parti tal-bejt fuq it-taraġ iżda ċeda għall-insistenza tas-sid u kompla bit-tqattiegħ. Dan wara li kienu telqu l-attur u sieħbu. Galea wissa lis-sid biex jagħmel planka f'dik il-parti minħabba l-periklu lill-ħaddiema, billi ma kinitx infurzata bil-puntali minn taħt. Is-sid aċċerah li kien se jagħmel planka. Fil-fatt m'għamilhiex u ma ġibidx l-attenzjoni tal-ħaddiema għall-periklu.

6. L-għada, ċjoe' dakinhar tas-sinistru, il-foreman Charles Mangion kien l-ewwel wieħed li wasal fuq il-post; l-attur u Cremona waslu ftit warajh. Telgħu fuq il-bejt u għamlu madwar siegħa u kwart fuq is-saqaf maqtugħ, inkluża l-parti fejn kien hemm it-taraġ, X'ħin marru biex jieħdu ftit kafe, rifsu fuq il-parti tas-saqaf ta' fuq it-taraġ u ċeda bihom.

7. Kienu konxji li s-saqaf kien imqatta'. kif mistqarr a tempo vergine mill-attur (fol 97) ma' Kevin Gauci, rappreżentant tal-OHSA, kien jaf li x-xogħol baqa' għaddej lejlet l-inċident minn Elvin Galea flimkien ma' nies oħra li kienu fuq il-lant tax-xogħol flimkien mal-attur fosthom ċertu Carlos Houstain. Saviour Cremona ukoll għamel stqarrija mal-OHSA u qal li kien jaf li x-xogħol baqa' għaddej u li l-foreman u wieħed mis-sidien tal-post baqgħu hemm ukoll. Stqarr ukoll li dakinhar tal-inċident, qabel bdew ix-xogħol, l-attur u sħabu innutaw li kullimkien kien maqtguħ. Fl-affidavit tiegħu l-attur biddel il-verżjoni oriġinali tiegħu u stqarr li ma kienx jaf li tkompla -xogħol wara li telaq u li Kevin Gauci tħalla waħdu. Għal raġunijiet ovvji l-Qorti tqis il-verżjoni oriġinali bħala iktar fededenja. Waqt ix-xhieda tiegħu, Saviour Cremona kkonferma li dakinhar tal-inċident indunaw li kien hemm kullimkien imqatta' u kkonferma li kien perikoluż tirfes fuq saqaf imqatta' (fol 178) – kuntrarjament għal dak li xehed l-attur fl-affidavit tiegħu fis-sens li kien rifes fuq trabokk.
8. Charles Mangion, il-foreman, xehed fl-affidavit tiegħu – li hu prattikament *clone* tal-affidavit tal-attur - li ma kienx hemm foreman fuq il-post, meta kien stqarr mal-pulizija, a tempo vergine, li l-foreman kien huwa stess. Saviour Cremona ukoll ikkonferma mal-Pulizija li Charles Mangion kien il-foreman u li kien jikkmandah. Mangion, li kien baqa' ma' Kevin Gauci wara li telaq l-attur, kien jaf bix-xogħol li kien sar iżda ma tax struzzjonijiet lill-attur biex ma jirfisx fuq is-saqaf fi stat perikoluż iktar u iktar billi kien mgħobbi bi knatan li kienu tpoġġew fuqu fil-jum ta' qabel;

***L-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva***

Illi Polidano Group Limited eċċepiet li ma kinitx il-leġittimu kontradittur. B'digriet tat-22.02.2011 fuq talba tal-atturi isem il-konvenuta ġie mibdul għal Polidano Brothers Limited u s-soċjeta konvenuta irrinunzjat għal din l-eċċezzjoni (fol 20);

***Responsabilita' għall-inċident***

- ***Culpa in eligendo***

Is-soċjeta konvenuta hija responsabbli għall-inċident billi naqset milli tagħmel id-debita sorveljanza permezz tal-foreman tagħha. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta tammetti r-responsabilita' tal-foreman iżda tilqa' billi teċċepixxi li dan kien bniedem ta' ħila u allura ma kellha l-ebda *culpa in eligendo* – eċċezzjoni li mhix ammissibbli fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija;

Illi ankorke' l-Qorti kellha tikkunsidra din l-eċċezzjoni, ma kinitx tilqagħha. Il-*culpa in eligendo* hija kkontemplata fl-Artiklu 1037 tal-Kodiċi Ċivili li jinstab fis-subtitlu intitolat "Fuq id-Delitti u Kważi Delitti". Għalhekk kjarament ma tapplikax għall-kuntratti. Mhux ikkontestat li kien hemm kuntratt ta' mpjieg bejn l-attur u s-soċjeta konvenuta, u li impliċitu fit-termini ta' kuntratt bħal dan huwa li l-employer għandu obbligu proprju u dirett li jieħu ħsieb tas-sigurta' tal-impjegati tiegħu u għalhekk il-culpa in eligendo mhix applikabbli. Imma l-obbligu tal-employer li jipprovdi post sikur jiskatta mhux biss *ex contractu* imma wkoll *ex lege,* a tenur tal-Kapitlu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-regolament numru 4 tar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-saħħa u s-Sigurta fuq il-post tax-xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18) li jistipula li "għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurta tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol". Minn din l-ottika, jista' jkun applikabbli l-preċitat Artiklu 1037. Il-*culpa in eligendo* ilha żmien abbandunata f'ordinamenti ġuridiċi oħrajn. Għalkemm baqgħet fuq it-test leġislattiv, il-ġurisprudenza ittemperat sewwa t-tifsira u l-effetti tiegħu. Ġja nofs seklu ilu, l-Qorti tal-Appell irrakkomandat bidla fil-liġi biex tiġi tixbaħ iktar lill-Art. 2049 tal-Kodiċi Ċivili Taljan[1]. Ingħad li ladarba l-persuna nkarikata kkawżat dannu, isegwi li ma kinitx kompetenti f'xogħlha, u għall-konsegwenzi ta' dik l-

[1] Magistrat Dr. William Soler v Onor. Dr. Fortunato Mizzi - App. Ċiv. 10.03.1967; iċċitata in re: Roberta Fenech Gauci v Korporazzjoni dwar is-Servizzi tal-Ilma 05.03.2010 Appell Inferjuri

inkompetenza għandhom ibatu wkoll is-sidien. Il-culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabilita' ta' persuna għall-atti tal-impjegati tagħha li jikkawżaw danni lil terzi;[2]

***Obbligu li l-employer jipprovdi post sikur***

Illi l-liġi għalhekk torbot lill-imprenditur biex fit-tħaddim tal-azjenda tiegħu jieħu dawk il-miżuri li skont ix-xogħol partikolari, l-esperjenza u t-teknika, ikunu meħtieġa biex iħarsu l-integrita fiżika tal-impjegati. Dan permezz ta' komportamenti kemm attivi kif ukoll omissivi. L-obbligu tat-tutela jestendi mhux biss għall-makkinarju u attrezzattur provduti mill-employer, imma testendi għall-fażi dinamika tal-espletament tax-xogħol u għall-miżuri meħtieġa sabiex jiġu evitati l-inċidenti. Għalhekk l-employer jinħtieġ mhux biss jieħu l-miżuri partikolari tassattivament imposti mil-liġi dwar it-tip t'attivita eżerċitata, imma wkoll dak dettati mill-prudenza komuni, kif ukoll dawk il-miżuri kollha li, fil-konkret, ikunu meħtieġa għall-ħarsien tal-persuna tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol, skont l-attivita partikolari, l-esperjenza u t-teknika;

Illi jinkombi fuq l-employer jipprova li jkun ottempera ruħu mal-obbligu tiegħu li jħares l-integrita psikofiżika tal-impjegat. Il-preżunzjoni ta' ħtija hija kontrih, sakemm ma jippruvax li l-ħaddiem ikun naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu ikun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu innifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh.[3] B'danakollu xorta waħda l-employer irid jieħu miżuri kawtelatorji kontra n-nuqqas t'attenzjoni tal-impjegat għar-riskji fuq il-post tax-xogħol. Fi kliem Lord Oaksey[4] "it is, I think, well

---

[2] Gauci v Corporazzjoni dwar is-Servizzi tal-Ilma 30.11.2010 Appell Inferjuri li fiha rassenja ġurisprudenzjali. Iċċitata in re: Emanuel Zamit v Charles Polidano 31.01.2014

[3] Raymond Barbara v Sammy Meilaq 16.11.2010 Prim'Awla

[4] House of Lords, General Cleaning Contractors Ltd v Christmas - 1953

known to employers… that their workpeople are very frequently, if not habitually, careless about the risk which their work may involve… Employers are not exempted from this duty by the fact that their men are experienced and might, if they were in a position of an employer, be able to lay down a reasonably safe system of work themselves. Workmen are not in the position of employers. Their duties are not performed in the calm atmosphere of a board room with the advice of experts. They have to make their decisions on narrow sills and other places of danger and in circumstances where the dangers are obscured by repetition". Il-miżuri ta' ħarsien li jridu jiddieħdu ivarjaw skont il-ħaddiem partikolari. B'riferenza għall-attur, jgħodd dak li qal Lord Radcliffe[5]li

"an experienced man dealing with a familiar and obvious task may not reasonably need the same attention or the same precaution as an experienced man who is likely to be more receptive of advice or admonition".

Illi min-naħa l-oħra, li sta għall-impjegat li jipprova l-ksur tal-istess integrita' kif ukoll in-ness ta' kawżalita bejn l-event dannuż u l-espletament tal-prestazzjoni lavorattiva;[6]

Illi jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta, tramite l-foreman tagħha, naqset li tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex ma jseħħx l-inċident in kwistjoni, okkorrendo billi jwissi lill-attur u sħabu bil-periklu, u billi jagħmel tavlun fuq il-bejt kif issuġġerit minn Elvin Galea. Min-naħa l-oħra, m'hemmx dubbju li kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-attur, li kien ferm konxju tal-periklu li daħal għalih. Tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari t'dan il-każ, ir-responsabilita' għandha tinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

[5] Fis-sentenza Qualcast (Wolverhampton) Ltd v Haynes (1959) iċċitata minn Winfield & Jolowicz, Tort, 18th ed. (sena 2010) minn W.V.H. Rogers para 8-15, paġna 433

[6] Cass. 21.12.1998 n. 12763 – iċċitata fl-Opra Responsabilita Civile, diretta minn Paolo Cendon, - Kapitlu CLXXIV La Responsabilita del datore di Lavoro, miktuba minn Valeria Vagnoni -Vol III, paġna 4015, ippublikata fit-2017

*Likwidazzjoni tad-danni*

- **Damnum emergens:** Mhux kontradett li l-attur ħallas €346.75 spejjeż mediċinali u fiżjoterapija. Ħtieġlu jixtri karozza ġdida li wara li tnaqqas il-prezz tal-vettura l-qadima u s-sussidju mingħand l-Awtorita war it-Trasport f'Malta swietlu €4,968.50. Għalhekk it-total ta' dan ir-ras ta' danni huwa ta' €5,315.25.
- **Lucrum cessans:**
- (i) **multiplikand:** meta seħħ l-inċident l-attur kellu 38 sena; salarju ta' €9.220.64 li fis-sena 2009 tela għal €10,526.32 (fol 143). Tenut kont tal-probabbli awment fil-pagi fuq medda ta' 25 sena l-Qorti tqis li l-paga bażika annwali medja għandha tittieħed fis-somma ta' €15,000.
- (ii) **multiplier:** fil-fissazzjoni tal-multiplier, m'għandhiex tittieħed biss il-maximum working life expectancy imma għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni wkoll ic-chances and changes of life. Skont l-iskema suġġerita in re: Sylvester Tabone v Carmen Abela[7], din il-Qorti qiegħedha taddotta multiplier ta' 18.
- (iii) **lump sum:** din il-Qorti, kif ippreseduta, issenjalat f'diversi sentenzi tagħha li m'għadx hemm lok għal tnaqqis tenut kont li l-kumpens jittieħed f'daqqa, billi llum l-imgħax huwa negliġibbli u l-inflazzjoni hija waħda għolja u dan ikompli jnaqqas is-siwi tal-flus.
- (iv) **rata ta' diżabilita** m'hemmx kontroversja li din hija ta' 16.5%.
- **Komputazzjoni: €15,000 x 18 x 16.5% = €44,550**
- **€44,550** + €5,315.25 = €49,865.25
- Nofs €49,865.25 = €24,932.62

***Decide***

[7] 25.11.2013 Prim'Awla

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta konvenuta; tilqa' in parte t-tieni eċċezzjoni u tilqa' in parti t-talbiet tal-atturi kif ġej:

1. Tiddikjara li l-attur u s-soċjeta konvenuta huma responsabbli ndaqs għall-inċident *de quo agitur*.
2. Tillikwida d-danni fis-somma ta' €24,932.62
3. Tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €24,932.62 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u b'nofs l-ispejjeż tal-ittra interpellatorja tal-15.01.2008 u dik uffiċjali tal-27.01.2009.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[1] Cass. 21.12.1998 n. 12763 – iċċitata fl-Opra Responsabilita Civile, diretta minn Paolo Cendon, - Kapitlu CLXXIV La Responsabilita del datore di Lavoro, miktuba minn Valeria Vagnoni -Vol III, paġna 4015, ippublikata fit-2017